MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
## (Sede Kostituzzjonali)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2023

Rikors Kostituzzjonali Numru 402/2021 LM

**Dustin Bugeja (K.I. nru. 143392M)**

***vs.***

**Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti,**

1. Rat ir-Rikors imressaq fl-4 ta' Ġunju, 2021, mir-rikorrent **Dustin Bugeja (K.I. nru. 143392M)** [minn issa 'l quddiem 'ir-rikorrent'], fejn issottometta dan li ġej:

> 1. *Illi fis-sena 2009, ittieħdu proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrenti, permezz ta' liema ġie akkużat, inter alia, illi ħajjar għall-prostituzzjoni tliet (3) tfajliet minuri u għamel dan bil-ħsieb ta' qliegħ;*
>
> 2. *Illi sussegwentement, nhar l-erbatax (14) ta' Novembru, 2009, il-Pulizija ressqet lir-rikorrenti b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja, fuq l-akkużi surreferiti;*

3. *Illi tul il-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja, fost l-oħrajn xehdu l-allegati vittimi u ċioe Jessica Magro, Shanelle Farrugia u Donna Sciberras, fejn iddeponew illi r-rikorrenti allegatament qabbadhom fil-prostituzzjoni;*

4. *Illi fix-xhieda tagħhom, it-tfajliet surriferiti, xehdu illi lkoll kellhom episodji intimi volontarjament mar-rikorrenti;*

5. *Illi dak iż-żmien ir-rikorrenti nnifsu kien għadu taħt l-età, b'dan illi kellu biss sbatax-il (17) sena;*

6. *Illi matul il-perkors ta' dawn il-proċeduri fil-konfront tiegħu, kemm ir-rikorrenti u kif ukoll l-avukati tiegħu, ma kellhomx aċċess għad-dokumentazzjoni kollha li kellha l-Pulizija fil-konfront tar-rikorrenti;*

7. *Illi inoltre r-rikorrenti kien irrilaxxa stqarrija mal-Pulizija fit-tlettax (13) ta' Novembru 2009 mingħajr ma kellu assistenza legali;*

8. *Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, presjeduta mill-Maġistrat Dr Audrey Demicoli, illum Imħallfa, datata t-tmienja u għoxrin (28) ta' Marzu, 2014, ir-rikorrenti, instab ħati:*

   "tal-ewwel, tat-tieni, tar-raba', tal-ħames u tat-tmien imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah sitt snin priġunerija u tiskwalifikah milli jżomm jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għal żmien ta' tnax-il xahar millum. Il-Qorti ma tiddikjara lill-imputat mhux ħati tat-tielet, tas-sitt, tas-seba' u tad-disa' imputazzjoniji miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement tilliberah minnhom."

9. *Illi nhar is-sittax (16) ta' April, 2017, ir-rikorrenti umilment issottometta appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati surriferita, permezz ta' liema talab lill-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex "*tirriforma s-sentenza fuq indikata tat-28 ta' Marzu, 2014 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali billi tikkonferma li mhux ħati fl-akkużi 3, 6, 7 u 9 akkuża u tilliberah mill-akkużi l-oħra fejn instab ħati u fin-nuqqas tagħti sentenza aktar ekwa u ġusta."

10. *Illi dan l-appell, preżentement jinsab pendenti quddiem l-Imħallef Aaron Bugeja;*

    *Illi fil-perkors ta' dawn il-proċeduri kollha tal-prim'istanza, fil-konfront tar-rikorrenti, huwa qiegħed umilment jissottometti li kien hemm leżjonijiet tad-drittijiet fundamentali tiegħu, senjatament tad-drittijiet tiegħu taħt l-Artikolu 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikoli 32(ċ) u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, rispettivament, u dan għar-raġunijiet segwenti:*

a. *Illi r-rikorrenti ma ġiex mogħti smigħ xieraq kif suppost meta ma ngħatax aċċess għal kull dokument li kien jinsab fil-pussess tal-Pulizija matul il-proċeduri kontrih fil-prim'istanza;*

b. *Illi llum il-ġurnata, dan id-dritt huwa mnaqqax fl-Artikolu 534F tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

ċ. *Illi fin-nuqqas ta' din l-informazzjoni indispensabbli, ir-rikorrenti ma setax jiddefendi ruħhu bl-aqwa mod possibbli u għalhekk, ġie ppreġudikat;*

d. *Illi kif ġie ritenut diversi drabi, anke mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani, dan id-dritt ta' aċċess għall-provi li l-Pulizija jkollhom fil-pussess tagħhom jimxi id f'id mad-dritt li wieħed ikun informat bin-natura tal-akkużi miġjuba kontrih u għandu jiġi kkonsidrat fid-dawl tad-dritt tal-akkużat illi jipprepara d-difiża tiegħu;*

e. *Illi kif intqal, fost oħrajn, fil-kawża numru 25444/94 tal-EctHR,* ***Pelissier u Sassi v. Franza,***

   "In determining whether the proceedings as a whole were fair, regard must also be had to whether the rights of the defence have been respected. In particular, it must be examined whether the applicant was given an opportunity to challenge the authenticity of the evidence and to oppose its use. In addition, the quality of the evidence must be taken into consideraton, as must the circumstances in which it was obtained and whether these circumstances cast doubt on its reliability or accuracy." *(fn. 1 – Pelissier and Sassi v. France, App. Nru. 25444/94, EctHR, 25 ta' Marzu, 1999)*

f. *Illi in oltre mal-leżjoni tad-dritt ta' smigħ xieraq, ir-rikorrenti jirrileva illi tul il-proċeduri fil-prim'istanza, huwa sofra wkoll leżjoni tad-dritt tar-rispett għall-ħajja privata u familjari tiegħu kif protett fl-artikoli surriferiti;*

g. *Illi din il-leżjoni tirriżulta mill-fatt ta' kif il-ħajja privata tar-rikorrenti ġiet esposta fl-intier tagħha tul dawn il-proċeduri, b'dan illi, ġiet esposta wkoll informazzjoni privata dwar ir-relazzjonijiet intimi tar-rikorrenti;*

h. *Illi kif ġie affermat diversi drabi mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem* "Elements such as gender identification, names, sexual orientation and **<u>sexual life</u>** fall within the personal sphere protected by Article 8 of the Convention (see Dudgeon v. The United Kingdom, 22 October, 1981, §41, Series A no. 45; B. V. France, 25 March, 1992, § 63, Series A no. 232-C; Burghartz v. Switzerland, 22 February, 1994, § 24, Series A no. 280-B; Laskey v. Jaggard and Brown v. The United Kingdom, 19 February 1997; § 36, Reports of Judgments and Decisions 1997-1; and Smith and Grady v. The United Kingdom, nos. 33985/96 and 33986/96, §

71, ECHR 1999-VI).” *(fn. 2 https://www.echr.coe.int/documents/guide.art.8.eng.pdf)*

*i. Illi minkejja li kien hemm enfasi kbira fuq l-età tenera tax-xhieda, ma kienx hemm wisq konsiderazzjoni għall-fatt li r-rikorrenti nnifsu kien minuri bħalhom;*

*j. Illi għaldaqstant, ir-rikorrenti stess huwa vittma hu wkoll f'din is-sitwazzjoni, stante illi kellu trobbija kkumplikata u dan kif jista' jiġi ppruvat tul is-smigħ ta' din il-kawża;*

*k. Illi konsegwentement, ir-rikorrenti spiċċa saħansitra kellu bżonn psikjatra minħabba l-effetti fuq il-psike tiegħu kawża ta' dawn il-proċeduri;*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, ir-rikorrenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*1. Tiddikjara illi fil-mori tal-proċeduri fil-konfront tar-rikorrenti mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja kif ukoll bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, ġew leżi d-drittijiet tar-rikorrenti, senjatament, l-Artikoli 32(ċ) u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;*

*2. Takkorda dawk ir-rimedji kollha effettivi li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa.*

*Salv kull provvediment ieħor li jidhrilha xierqa u opportun.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.”*

2. Rat ir-risposta tal-intimati **Avukat Ġenerali** u **tal-Kummisarju tal-Pulizija** [minn issa 'l quddiem 'l-intimati'] ippreżentata fit-8 ta' Lulju, 2021, fejn ġie eċċepit is-segwenti:

*“Jesponu bir-rispett:*

*Illi skont ir-rikors promutur ir-rikorrenti qed jallega vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu senjatament tal-jedd għal smigħ xieraq u l-jedd għal ħajja privata u familjari u dan b'rabta mal-kawża kriminali li hemm pendenti fil-konfront tiegħu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.*

*Illi fl-umli fehma tal-esponenti l-lanjanzi li qajjem ir-rikorrenti huma frivoli u vessatorji apparti li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Illi fl-ewwel lanjanza r-rikorrenti qed jallega li ġarrab ksur tal-jedd għal smigħ xieraq għaliex il-pulizija ma tawhx aċċess għad-dokumenti u l-informazzjoni li kellhom kontra r-rikorrenti.*

*Illi qabel xejn għal dak li jirrigwarda l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, l-esponenti jibda biex jissottometti li dawn l-artikoli jipprovdu li sabiex jiġi garantit id-dritt għal smigħ xieraq, is-smigħ għandu jsir fi żmien raġonevoli u jinstema' minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. L-Artikolu 6(1) jipprovdi wkoll li s-smigħ għandu jkun pubbliku u għandu jkun quddiem tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi.*

*Illi sabiex jiġi determinat jekk ir-rikorrenti sofriex ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq, irid jiġi eżaminat il-proċess kollu fit-totalità tiegħu. L-esponenti jirrileva illi ma sar xejn matul il-proċess relattiv għar-rikorrenti li b'xi mod seta' jinċidi fuq id-dritt tar-rikorrenti ta' proċess ġust u wisq inqas saret xi influwenza lil min kellu jiġġudika.*

*Illi jeżistu salvagwardji biżżejjed fid-dritt proċedurali nostrali sabiex jovvjaw għal kull perikolu ta' intralċ ta' smigħ xieraq liema salvagwardji jiggarantixxu proċess xieraq u smigħ ġust.*

*Illi speċifikament dwar l-ilment ta' nuqqas ta' aċċessibilità għad-dokumenti, l-esponenti jirrilevaw li l-provi kollha kemm favur kif ukoll kontra r-rikorrenti ġew imressqa u ppreżentati quddiem Qorti penali u jifformaw parti mill-atti proċesswali f'dik il-kawża u għalhekk ir-rikorrent bħala akkużat għandu dejjem aċċess għall-atti proċesswali tal-kawża tiegħu. l-esponenti jissottomettu li r-rikorrenti għandu għarfien sħiħ tal-provi kollha tal-Prosekuzzjoni u dan stante li tali provi tressqu fl-istadju tal-ġbir tal-provi. Il-provi kollha li kellhom il-pulizija fil-konfront tar-rikorrenti huma kollha fil-proċess kriminali. Illi l-istess rikorrenti kellu kull opportunità li jeżamina u jagħmel il-kontro-eżamijiet tax-xhieda kollha mressqa u kellu ukoll opportunità li jiskrutinja d-dokumenti kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni filwaqt li l-istess rikorrenti jipproduċi l-provi kollha li ħass li huma rilevanti in sostenn tad-difiża tiegħu.*

*Illi jsegwi għalhekk li r-rikorrenti bl-ebda mod ma sofra minn xi preġudizzju fit-tħejjija tad-difiża tiegħu għall-akkużi mressqa kontra tiegħu bil-konsegwenza li ma hemm l-ebda ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq. Fl-aħħar mill-aħħar, il-proċeduri kriminali kontra r-rikorrenti jirrigwardaw il-prostituzzjoni ta' tlett ibniet minorenni li kienu l-vittmi tal-aġir tar-rikorrenti u allura l-pern tal-kawża kriminali tikkonsisti essenzjalment fil-kredibbilità tal-verżjonijiet li taw dawn it-tliet minorenni meta iddeponew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.*

*Illi r-rikorrenti jinvoka ukoll ksur tad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja. Sabiex indħil ma jġibx ksur tal-jedd ta' individwu taħt l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, ir-restrizzjoni imposta trid tkun saret* 'skont il-liġi' *u tkun meħtieġa f'soċjetà demokratika sabiex jitħarsu wieħed jew aktar mill-għanijiet li għalih il-Konvenzjoni*

*tippermetti li jseħħ l-indħil bħal dak. Fost tali għanijiet, l-Artikolu 8(2) tal-Konvenzjoni jsemmi l-ħarsien tal-jeddijiet ta' ħaddieħor jew tas-saħħa u l-integrità morali tal-oħrajn. Fis-sentenza tagħha tal-4 ta' Diċembru, 2007 fil-kawża* ***Dickson vs UK*** *il-Qorti Ewropea qalet hekk* – The object of Article 8 is essentially that of protecting the individual against arbitrary interference by the public authorities. *Għalhekk l-indħil mill-awtorità pubblika għandu jkun fil-każi speċfikament kontemplati fit-tieni paragrafu tal-Art. 8 (ara d-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea tal-24 ta' Settembru, 2007 fil-kawża "Tysiac vs Poland"). Fil-kuntest tal-Art. 8 dak li jrid jiġi stabbilit huwa jekk tkunx teżisti ħajja privata li ħaqqha protezzjoni u jekk l-interferenza tkunx ġustifikata (ara "Raid Mabruk El Masri vs l-Onorevoli Prim Ministru et" – PAK/GV – 4 ta' Ottubru, 2004).*

*Illi dwar dan il-jedd, l-esponenti jeċċepixxu li r-rikorrenti ma kienx ċar eżattament fiex jikkonsisti dan l-allegat ksur in konnessjoni mal-ħajja sesswali tiegħu. F'dan il-każ ma kien hemm l-ebda indħil mill-awtoritajiet rigward id-dritt tar-rikorrenti għall-ħajja privata u tal-familja u għalhekk huwa inspjegabbli kif ir-rikorrenti qed jinvoka dan l-artikolu. Naturalment, ir-rikorrent ġie akkużat b'reati li huma konnessi ma' reati sesswali però dak li ġie diskuss fil-proċeduri kriminali jaqa' perfettament fl-"indħil" neċessarju u leġittimu f'soċjetà li tħaddan is-saltna tad-dritt sabiex il-Qorti penali tkun tista' tiddeċiedi dwar il-ħtija o meno tar-rikorrenti.*

*Illi jsegwi għalhekk li l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż."*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-3 ta' Frar, 2023, fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza, u fejn il-partijiet ingħataw l-fakultà li jressqu n-noti ta' sottomissjonijiet tagħhom.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

3. Fis-sena 2009, ir-rikorrent kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali) akkużat fost oħrajn li kien ħajjar tliet tfajliet minorenni għall-prostituzzjoni. B’sentenza mogħtija fit-28 ta’ Marzu, 2014, il-Qorti tal-Maġistrati kienet sabet lir-rikorrent ħati ta’ uħud mill-akkużi miġjuba kontra tiegħu, u għaldaqstant ikkundannatu għall-piena ta’ sitt snin priġunerija, skwalifika tal-liċenzja tas-sewqan għal tnax-il xahar, ordnat il-konfiska ta’ ħamest elef Euro favur il-Gvern ta’ Malta, u ordnat ukoll il-ħruġ ta’ Ordni ta’ Protezzjoni favur it-tliet persuni involuti fl-imsemmija reati mar-rikorrent. Ir-rikorrent qal li waqt il-ġbir tal-provi, ix-xhieda tkellmu dwar episodji intimi li kellhom miegħu, meta dak iż-żmien huwa wkoll kien għadu minuri peress li kien għad għandu biss sbatax-il sena. Qal li la hu u lanqas l-avukat difensur tiegħu ma kellhom aċċess għall-provi u għal dak li qalu dawn l-allegati vittmi tul l-istadju tal-ġbir tal-provi, u li hu ta stqarrija lill-Pulizija qabel ma kellu l-opportunità li jkun assistit minn avukat. Ir-rikorrent qal li dan kollu jammonta għal ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq, u għal ksur tad-dritt għal ħajja privata u familjari tiegħu, u speċifikament li b’dak li seħħ kien hemm ksur tal-artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem [minn issa ‘il-Konvenzjoni Ewropea’] u ksur tal-artikolu 32(ċ) u 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta [minn issa ‘il-Kostituzzjoni’]. Qal li meta huwa ma ngħatax aċċess għall-provi kollha li kellha l-Prosekuzzjoni, kien hemm ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq, liema dritt illum huwa protett bl-artikolu 534AF tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta. Ir-rikorrent qal li quddiem dawn il-fatti kif seħħew, huwa ma setax jiddefendi ruħhu bl-aqwa mod u għalhekk ġie ppreġudikat, għaliex huwa kellu jingħata aċċess għall-provi tal-Pulizija, u kellu jiġi mgħarraf bl-akkużi miġjuba kontrih. Qal ukoll li dak li seħħ jammonta għal ksur tad-dritt tiegħu għal ħajja

familjari u privata, u li ġiet esposta informazzjoni privata dwaru, meta huwa wkoll kien għadu minuri, u kellu jitqies li huwa wkoll vittma in vista taċ-ċirkostanzi xejn feliċi li trabba fihom. Permezz tat-talbiet tiegħu lil din il-Qorti, ir-rikorrent talab li jiġi dikjarat li bil-mod kif tmexxew il-proċeduri kontra tiegħu quddiem Qorti ta' ġudikatura kriminali, kien hemm ksur tal-jeddijiet tiegħu kif protetti bl-artikolu 32(ċ) u bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, kif ukoll ksur tal-artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, u għalhekk din il-Qorti għandha takkordalu rimedju xieraq għal dan.

4. L-intimati min-naħa tagħhom qalu li għad hemm proċeduri pendenti kontra r-rikorrent quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, u l-lanjanzi miġjuba minnu f'dawn il-proċeduri huma frivoli u vessatorji. Qalu li sabiex jiġi garantit id-dritt għal smigħ xieraq, is-smigħ għandu jsir fi żmien raġonevoli u jinstema' minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa bil-liġi. Qalu wkoll li din il-Qorti għandha teżamina l-proċess proċedurali kollu qabel jiġi determinat jekk ir-rikorrent ingħatax smigħ xieraq jew le, għaliex għandu jirriżulta li ġew esebiti l-provi kollha li jiffurmaw parti mill-atti proċesswali tal-proċeduri li nżammu quddiem qorti ta' ġudikatura kriminali. L-intimati eċċepew ukoll li r-rikorrent kellu għarfien sħiħ tal-provi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, u huwa kellu kull opportunità jisma' x-xhieda u jagħmel il-kontro-eżamijiet kif ukoll jiskrutinja d-dokumenti kollha ppreżentati, b'tali mod li ma jistax jingħad li kien hemm xi preġudizzju għad-difiża tiegħu. B'riferiment għal-lanjanza tar-rikorrent li kien hemm ksur tad-dritt għal rispett għall-ħajja privata u familjari tiegħu, l-intimati qalu li jrid jiġi determinat jekk hemmx ħajja privata li trid tiġi protetta, u jekk hemmx interferenza fil-ħajja personali u privata li tista' titqies li hija ġustifikata. L-intimati qalu wkoll li r-rikorrent imkien ma qal fhiex jikkonsisti l-ksur jew l-indħil fil-ħajja privata tiegħu. L-intimati sostnew li r-rikorrent ġie akkużat

b''reati sesswali', però dak li ġie diskuss fil-proċeduri kriminali jaqa' perfettament fl-"indħil" neċessarju u leġittimu f'soċjetà li tħaddan is-saltna tad-dritt, sabiex il-Qorti penali tkun tista' tiddeċiedi dwar il-ħtija o meno tar-rikorrenti.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

5. Ir-rikorrent ippreżenta *affidavit*[1] fejn spjega li huwa trabba f'familja u viċin persuni involuti f'diversi ċrieki ta' kriminalità, u dan l-ambjent ma kienx wieħed idoneu għalih, tant hu hekk li f'ħajtu huwa kellu jsib triqtu waħdu, u mingħajr ma ngħata t-tagħlim meħtieġ għall-ħajja. Qal li huwa qatt ma mar skola għaliex il-prijorità fil-familja tiegħu kienet li jaraw kif ser jaqilgħu l-flus, u kienu jagħmlu kull xogħol li jiġi għal idejhom, inkluż l-involviment f'attivitajiet illeċiti. Qal li dawn l-esperjenzi sawru fih sens ta' rabja u mibegħda għaliex minn età żgħira kien iħoss li huwa vittma taċ-ċirkostanzi li twieled fihom, u li s-soċjetà lilu fallietu anki għaliex qajla kellu għażliet f'ħajtu. Ir-rikorrent qal li minħabba f'dawn iċ-ċirkostanzi huwa beda jagħmilha ma' nies akbar minnu fl-età, u anki l-ħbieb li kien imdawwar bihom, sfortunatament ma kinux jafu aħjar. Qal li kienu ħbieb tiegħu li esponewh għall-ħajja tal-prostituzzjoni meta huwa kien għadu minorenni, u dawn l-istess nies maż-żmien bdew jirrikattawh. Qal li għalhekk huwa ġie wżat fi żmien meta huwa stess kien għadu taħt l-età, u minflok ma kompla jistudja jew jaħdem f'ambjent ikkontrollat, spiċċa vittma ta' grupp ta' persuni b'intenzjonijiet mhux xierqa. Ir-rikorrent qal ukoll li minħabba f'dawn l-esperjenzi negattivi li għadda minnhom, huwa spiċċa jsofri minn mard mentali u dipresssjoni, u anki meta kien karċerat taħt arrest preventiv, huwa beda jabbuża mid-droga. Qal li llum il-ġurnata huwa ħeles minn ħajja li ressqitu

[1] *A fol.* 12 tal-proċess.

viċin nies b'kondotta ħażina, u wara snin li fihom esperjenza nuqqas ta' flus, nuqqas ta' opportunitajiet, problemi ta' droga u esklużjoni, illum qam fuq saqajh u qiegħed jegħleb kull vizzju, u l-kumpannija ħażina li kellu. Ir-rikorrent qal ukoll li llum huwa bena negozju u għandu familja x'imantni. Ir-rikorrent qal li huwa qatt ma sab għajnuna mill-istituzzjonijiet, u qal li minflok għajnuna biex jirriforma ruħhu, huwa għex esperjenzi fejn saħansitra spiċċa arrestat anki fuq qlajjiet. Qal li dan ma kellu l-ebda effett riformattiv fuqu, u huwa spiċċa iżolat u mingħajr għajnuna, u għalhekk f'moħħu dejjem qies li biex isostni lilu nnifsu kellu saħansitra jikkontempla li jieħu l-liġi f'idejh. Qal li tul is-snin huwa kellu diversi relazzjonijiet ma' tfajliet, sa minn meta kellu età żgħira, u meta kien ikun mat-tfajliet huwa kien jirnexxielu jaħrab mir-realtà tal-familja tiegħu, partikularment għaliex sa minn meta kien għadu żgħir, huwa għex ħajja ta' abbuż, u għalhekk ma kienx jaf mod ieħor. Qal li huwa dejjem kellu rapport pożittiv mat-tfajliet li kien ikollu, tant hu hekk li kien fdat mill-familji tagħhom, li kienu jafdaw lil uliedhom jgħixu għandu. Qal li dan wassal għal proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu, frott konfoffa dovuta għall-fatt li huwa kien ikollu relazzjonijiet ma' tfajliet varji b'intervalli qosra bejn relazzjoni u oħra. Ir-rikorrent spjega li kien hemm xi tfajliet li għamlu rapporti dwaru lill-Pulizija, għaliex kienu imweġġgħin u xtaqu li huwa jkun leali lejhom. Qal li dawn it-tfajliet partikolari kellhom trobbija simili għal tiegħu, u għalhekk għalihom kienet xi ħaġa normali li jagħmlu rapporti lill-awtoritajiet, mingħajr ma qiesu li dan seta' jkollu riperkussjonijiet ħżiena ferm fuqu. Qal li kien f'dan l-isfond ta' tpattija li kien hemm xi tfajliet li għamlu rapporti dwaru lill-Pulizija, u lilu pinġewh bħala 'mostru'. Qal li l-Pulizija aġixxew fuq dawn ir-rapporti, u huwa spiċċa interrogat u arrestat, sakemm eventwalment ġie mressaq il-Qorti b'akkużi li huwa stess ma kienx jaf x'kienu. Ir-rikorrent qal li meta huwa ġie arrestat, la hu u lanqas l-avukati tiegħu ma kellhom aċċess għall-materjal tal-

investigazzjoni, u għalhekk huma ma setgħux jieħdu deċiżjonijiet infurmati fuq dak li huwa kien qiegħed jiffaċċja. Huwa kompla jgħid li fiż-żmien meta ġie arrestat, huwa ma kienx jaħdem, u meta ngħata l-libertà provviżorja, ommu kellha tissellef il-flus biex tħallaslu d-depożiti meħtieġa. Qal li l-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati lilu komplew għaffġuh, u meta kellu sbatax-il sena huwa ġie ffaċċjat bl-obbligu li jħallas depożitu ta' eluf ta' Euro, li wara ġie mnaqqas għal sitt elef Euro (€6,000), u bil-kundizzjoni li huwa jirritorna lura d-dar fis-sitta ta' filgħaxija. Qal li llum jirrealizza li dawn il-kundizzjonijiet kienu sproporzjonati. Qal li tul l-interrogazzjoni u l-investigazzjonijiet inizjali, huwa kien maqtugħ mir-realtà, għaliex ma setax jifhem għal liema raġuni tfajliet li huwa kien iħobb daru kontrieh, u lanqas ma seta' jifhem dak li kien qiegħed jiġi allegat dwaru. Finalment ir-rikorrent qal illi li kieku l-Pulizija ppruvaw jifhmu ċ-ċirkostanzi li huwa trabba fihom, huwa kien ikollu l-possibilità li jikkopera aħjar, u forsi l-proċeduri mibdija kontra tiegħu ma kinux jaslu fl-istadju li qegħdin fih illum.

6. **Emerson Bugeja**, ħu r-rikorrent, xehed[2] li ħuh huwa bniedem "allright ħafna". Qal li b'kollox huma qegħdin għaxar aħwa, bniet u subien, iżda r-rikorrent lilu jgħinu ħafna anki fis-sitwazzjonijiet li jinqalgħu minn żmien għal żmien fil-ħajja. Qal li hu u ħutu batew meta kienu qegħdin jitrabbew, u meta r-rikorrent għamel żmien inkarċerat, ommhom batiet biex setgħet tgħinu. Ix-xhud qal ukoll li l-affarijiet li qegħdin jintqalu minn tfajliet li kellu r-rikorrent fil-passat, mhumiex veritieri.

7. **Tyson Bugeja**, ħu r-rikorrent ukoll, xehed[3] li huwa biss ir-rikorrent li lilu jgħinu, għalkemm huma ġejjin minn familja kbira. Qal li bħala familja huma

[2] *A fol.* 26 tal-proċess.
[3] *A fol.* 35 tal-proċess.

sofrew minn preġudizzju anki minħabba l-mod kif inhuma magħrufin 'Tal-Porporina'. Ix-xhud qal li min-naħa tal-omm huma qegħdin familja ta' tmien aħwa, u r-rikorrent iħobb lil ħutu u jmur tajjeb magħhom. Qal li meta ħuh kellu relazzjonijiet mat-tfajliet, huwa kien jittrattahom b'mod tajjeb ħafna, iżda tfajla partikolari li kellu ħuh, kienet theddu li jekk ma jibqgħux flimkien, hija kienet tasal li titfgħu l-ħabs. Ix-xhud identifika lil din il-persuna bħala "Chanelle Farrugia". Qal li din Farrugia għamlet l-istess affarijiet lil membri tal-familja tagħha, fosthom lil zijuha. Ix-xhud qal li persuna oħra li għamlet rapport inveritier dwar ħuh hija Jessica Magro. Qal li huwa jaf min kienu t-tfajliet li kien joħroġ magħhom ħuh għaliex dan kien jeħodhom id-dar. Qal li dawn it-tfajliet kellhom relazzjoni ħażina mal-ġenituri tagħhom, b'uħud minnhom saħansitra jitkeċċew mid-dar, fost l-oħrajn għaliex kienu jagħmlu xogħol ta' prostituzzjoni u kienu wkoll jabbużaw mid-droga.

8. **Alfred Bugeja**, iz-ziju tar-rikorrent[4], xehed li huwa kien ilu l-ħabs tlettax-il sena, u kien hemm drabi meta r-rikorrent kien imur jarah il-ħabs. Qal li meta r-rikorrent kien għadu tifel żgħir, dan kien tifel "eżemplari". Ix-xhud qal li r-rikorrent sofra preġudizzju minħabba l-laqam tal-familja. Qal ukoll li huwa ma jafx jekk ir-rikorrent għandux kuntatt maż-żewġ ġenituri tiegħu, u qal li meta hu ħareġ mill-ħabs ġieli ltaqa' mar-rikorrent u kien josservah iġib ruħhu tajjeb mat-tfajla li jkun magħha.

9. Waqt l-udjenza tal-10 ta' Novembru, 2021, xehed **Franklin Calleja,** in rappreżentanza tar-Reġistratur Qrati Kriminali, li ppreżenta kopja tal-proċess tal-appell fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Graziella Muscat) *vs*. Dustin Bugeja".[5]

[4] *A fol.* 45 tal-proċess.
[5] *A fol.* 58 *et seq.* tal-proċess.

10. Waqt l-udjenza tat-13 ta' Mejju, 2022, xehdet **is-Supritendent Graziella Buhagiar Muscat**[6], li qalet li f'xi żmien il-Pulizija kellha informazzjoni li ċerta Shanelle (Chanelle) Farrugia, minorenni ta' ħmistax-il sena, kienet qiegħda tipprostitwixxi ruħha. Qalet li meta l-Pulizija bdew jitkellmu ma' Farrugia, saru jafu b'żewġ tfajliet oħra, identifikati bħala Jessica Magro u Donna Sciberras, u minn hemm il-Pulizija fehmet x'kien qiegħed jiġri, mingħajr ma elaborat dwar dan. Qalet li dan seħħ bejn l-2008 u l-2011. Qalet li r-rikorrent ġie arrestat u hija imxiet mal-proċeduri ta' dak iż-żmien bil-mod kif mexxiet kontra r-rikorrent. Qalet ukoll li hija ma setgħetx tagħti wisq *disclosure* lir-rikorrent, għaliex l-informazzjoni mogħtija mit-tfajliet ingħatat permezz ta' inkjesta. Qalet iżda li lir-rikorrent ingħatatlu l-informazzjoni kollha dwar ir-raġuni għalfejn huwa kien qiegħed jiġi arrestat. Ix-xhud qalet li d-*disclosure* lir-rikorrent ingħatat quddiem ix-xhieda, u wara li ngħatatlu l-informazzjoni kollha meħtieġa, huwa ma ammetta għal xejn. Ix-xhud qalet li l-Pulizija tkellmet mat-tliet tfajliet li għamlu l-allegazzjonijiet dwar ir-rikorrent, u kien hemm il-verżjoni bil-miktub li dawn it-tliet tfajliet taw lill-Pulizija, u kien hemm ukoll ix-xhieda ġuramentata tagħhom li ngħatat lill-Maġistrat fl-Inkjesta. Qalet ukoll li mhijiex in-norma li l-verżjoni tax-xhieda tingħata lill-akkużat. Dix-xhud infurmat lill-Qorti li kien il-Maġistrat li mexxa l-inkjesta li ordna l-arrest tar-rikorrent. Ix-xhud qalet ukoll li dak iż-żmien ma kienx hemm id-dritt li persuna arrestata tingħata d-dritt li tikkonsulta ma' avukat, iżda li f'dan il-każ hija kienet tkellmet mal-akkużat u spjegatlu r-raġunijiet li wasslu għall-arrest tiegħu.

11. Waqt l-udjenza tat-23 ta' Settembru, 2022[7], ir-rikorrent xehed li fis-sena 2009, meta kellu sittax-il sena, huwa ġie arrestat fir-rigward tal-każ in kwistjoni.

[6] *A fol.* 1096 tal-proċess.
[7] *A fol.* 1113 tal-proċess.

Qal li huwa nżamm arrestat għal perijodu ta' tmienja u erbgħin siegħa, u sussegwentement tressaq il-Qorti. Qal li dak iż-żmien huwa ma ngħatax id-dritt li jikkonsulta ma' avukat tal-għażla tiegħu, u lanqas ma kien infurmat dwar xi provi kellha l-Prosekuzzjoni fil-konfront tiegħu. Qal ukoll li lilu ħadd ma qallu jekk kinux saru xi *statements* fil-konfront tiegħu, jew jekk kinitx saret xi inkjesta, u huwa tressaq quddiem il-Qorti mingħajr ma kien jaf fuq xiex kien qiegħed jitressaq. Qal li kien biss fil-Qorti li huwa ntebaħ min kienu l-persuni li għamlu r-rapporti fil-konfront tiegħu.

12. Waqt l-udjenza tad-9 ta' Novembru, 2022 xehdet **Chanelle Farrugia**[8], li qalet li hija kienet marret tagħmel stqarrija lill-Pulizija dwar ir-rikorrent. Din ix-xhud qalet li r-rikorrent ma kienx kellimha jew taha xi flus, qabel hija tat ix-xhieda tagħha quddiem il-Qorti.

13. Waqt l-istess udjenza xehdet **is-Supretendent Graziella Buhagiar Muscat**[9] prodotta mir-rikorrent, li qalet li fiż-żmien meta ġie arrestat ir-rikorrent, hija mxiet skont il-prassi ta' dak iż-żmien, u hija mhux neċessarjament kienet uriet lir-rikorrent l-istqarrijiet li saru mill-vittmi. Qalet li meta tiġi arrestata persuna, din bilfors trid tiġi mgħarrfa fuq xiex qiegħda tiġi arrestata, u trid tiġi infurmata min qed jgħid xhiex dwarha. Qalet li lilha kienet kellmitha x-xhud Chanelle Farrugia, li qaltilha li hija kienet ġiet offruta ħamest elef Euro jekk tixhed favur ir-rikorrent, u Farrugia kienet infurmatha wkoll li r-rikorrent kien qal li lis-Supretendent "ser jagħmilli bħal ma għamlu lil Daphne". Ix-xhud qalet li hija ma ħadet l-ebda azzjoni dwar dan sabiex tara l-proċeduri kif kienu ser ikomplu. Ix-xhud qalet li l-provi kollha fir-rigward tar-rikorrent jinsabu miġbura fl-atti tal-proċess kriminali.

[8] *A fol.* 1118 tal-proċess.
[9] *A fol.* 1121 tal-proċess.

**Konsiderazzjonijiet legali**

14. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tindirizza t-talbiet tar-rikorrent, fil-kuntest tal-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimati. Ir-rikorrent qiegħed iressaq dan l-ilment kostituzzjonali wara li fis-sena 2009 huwa kien ġie arrestat u għadda minn proċeduri kriminali rigward numru ta' reati, ewlieni fosthom it-tħajjar ta' tliet tfajliet minorenni għall-prostituzzjoni. B'sentenza tat-28 ta' Marzu, 2014, il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabet lir-rikorrent ħati ta' uħud mir-reati li kien arrestat minħabba fihom, u ikkundannatu għal sitt snin priġunerija, għal skwalifika tal-liċenzja tas-sewqan għal tnax-il xahar, għall-konfiska ta' ħamest elef Euro (€5,000) favur il-Gvern ta' Malta, u inħarġet ukoll ordni ta' protezzjoni favur il-vittmi. Ir-rikorrent appella minn din is-sentenza, liema appell qiegħed jistenna l-eżitu ta' dawn il-proċeduri kostituzzjonali, u jinsab differit *sine die.*

15. Ir-rikorrent fir-rikors promotur iressaq żewġ lanjanzi ewlenin, il-ksur tad-dritt għal smigħ xieraq għaliex qiegħed jallega li kemm hu, kif ukoll l-avukati tiegħu, ma kellhomx aċċess għad-dokumentazzjoni kollha li kellha l-Pulizija fil-konfront tiegħu, kif ukoll li fil-proċeduri kriminali li tmexxew kontra tiegħu huwa sofra leżjoni tad-dritt tar-rispett għall-ħajja privata u familjari tiegħu għaliex ġew żvelati ċirkostanzi u fatti marbuta mal-ħajja sesswali u personali tiegħu.

16. L-intimati Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija eċċepew li l-proċeduri kriminali nżammu u qegħdin jiġu determinati minn qorti indipendenti u imparzjali, u r-rikorrent ingħata aċċess sħiħ għall-Qorti. Qalu wkoll li s-smigħ sar fil-preżenza tiegħu, u l-partijiet kollha ġew ittrattati b'mod ugwali, u r-rikorrent kellu l-opportunità jittratta l-każ tiegħu mingħajr xkiel. L-intimati qalu

li r-rikorrent kien mgħejjun ukoll minn avukat tal-fiduċja tiegħu, u dan kellu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tal-każ tiegħu. Qalu wkoll li r-rikorrent imkien ma speċifika liema huma d-dokumenti li huwa ma ngħatax aċċess għalihom. Qalu wkoll li l-provi miġjuba kontra r-rikorrent qegħdin kollha fl-atti tal-kumpilazzjoni u r-rikorrent għandu aċċess għalihom, filwaqt li ġie stabbilit li t-tliet 'vittmi' tar-rikorrent xehdu mingħajr ħabi u r-rikorrent kellu aċċess għall-verżjonijiet mogħtija minn dawn il-persuni, li kienu x-xhieda ewlenin fil-proċeduri kontra tiegħu.

17. L-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, fir-rigward ta' proċeduri kriminali jgħid li:

> "39 (1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm il-darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.
>
> …
>
> (6) Kulll min ikun akkużat b'reat kriminali –
>
> (a) għandu jiġi informat bil-miktub, b'ilsien li huwa jifhem u bid-dettalji, dwar ix-xorta tar-reat li bih ikun akkużat;
> (b) għandu jiġi mogħti żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;
> (ċ) għandu jitħalla jiddefendi ruħhu personalment u permezz ta' rappreżentant legali u min ma jkunx jista' jħallas għal rappreżentanza legali hekk kif tkun meħtieġa raġonevolment miċ-ċirkostanzi tal-każ tiegħu jkollu dritt li jkollu dik ir-rappreżentanza bi spejjeż pubbliċi;
> (d) għandu jiġi mogħti faċilitajiet biex jeżamina personalment jew permezz tar-rappreżentant legali tiegħu x-xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni quddiem kull qorti u li jikseb l-attendenza ta' xhieda suġġett għall-ħlas tal-ispejjeż raġonevoli tagħhom, u jagħmel l-eżami tax-xhieda li jkunu ser jixhdu għalih quddiem il-qorti bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk li jgħoddu għal xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni; u
> (e) għandu jitħalla li jkollu bla ħlas l-għajnuna ta' interpretu jekk ma jkunx jista' jifhem l-ilsien użat fil-proċeduri dwar l-akkuża,
>
> U ħlief bil-kunsens tiegħu stess il-proċeduri ma jistgħux jinżammu fl-assenza tiegħu ħlief jekk huwa jġib ruħhu hekk li jagħmel it-tkomplija tal-proċeduri fil-preżenza tiegħu imprattikabbli u l-qorti tkun ordnat li jiġi mwarrab u li l-proċeduri jitkomplew fl-assenza tiegħu.

(7) Meta xi ħadd jgħaddi proċeduri dwar reat kriminali, il-persuna akkużata jew il-persuna awtorizzata minnha għal hekk għandha, jekk hekk teħtieġ u bi ħlas ta' dak id-dritt raġonevoli li jista' jkun preskritt b'liġi, tiġi mogħtija fi żmien raġonevoli wara s-sentenza kopja għall-użu tal-persuna akkużata ta' kull inkartament tal-proċeduri magħmula minn jew għan-nom tal-qorti.

(8) Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew omissjoni li, fil-ħin meta jkun sar, ma jkunx jikkostitwixxi reat bħal dak, u ebda piena ma għandha tiġi imposta għal xi reat kriminali li tkun aktar severa fi grad jew xorta mill-ogħla piena li setgħet tiġi imposta għal dak ir-reat fiż-żmien meta ġie magħmul.

(9) Ebda persuna li turi li tkun għaddiet proċeduri quddiem xi qorti kompetenti għal reat kriminali u jew tkun ġiet misjuba ħatja jew liberata ma għandha terġa' tgħaddi proċeduri għal dak ir-reat jew għal xi reat kriminali ieħor li għalih setgħet tiġi misjuba ħatja fil-proċeduri għal dak ir-reat ħlief wara ordni ta' qorti superjuri mogħti matul il-kors ta' appell jew proċeduri ta' reviżjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma għandha tgħaddi proċeduri għal reat kriminali jekk turi li tkun ħadet il-maħfra għal dak ir-reat:

...

(10) Ebda persuna li tgħaddi proċeduri għal reat kriminali ma għandha tkun obbligata li tixhed fil-proċeduri kontra tagħha."

18. L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, fir-rigward ta' proċeduri kriminali jipprovdi illi:

"…

2. Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix ippruvat ħati skont il-liġi.

3. Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:

(a) li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u bid-dettall, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tiegħu;

(b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;

(ċ) li jiddefendi ruħhu persunalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;

(d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati x-xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu;

(e) li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata fil-qorti."

19. Din il-Qorti eżaminat l-atti tal-proċeduri kriminali li nżammu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, u li jiffurmaw parti integrali mill-provi fil-proċediment odjern. Il-Qorti tibda billi tirrileva li allegazzjoni ta' ksur tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq titlob li tali dritt jiġi evalwat fl-assjem tal-proċeduri li jittieħdu kontra l-persuna li tagħmel allegazzjoni bħal din. Fl-atti tal-proċeduri kriminali, hemm xhieda estensiva tat-tliet tfajliet li allegatament kienu vittmi tal-aġir tar-rikorrent, kif ukoll provi oħra ċirkostanzjali li kellhom jassistu lill-Prosekuzzjoni u lill-ġudikant li kellu jagħti s-sentenza fil-konfront tar-rikorrent. Jirriżulta mill-atti li qabel ma ngħatat is-sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, l-avukat difensur tar-rikorrent kellu aċċess sħiħ u komplut għall-provi kollha li nġabu kontra r-rikorrent, tant hu hekk li l-istess avukat difensur fis-sottomissjonijiet tiegħu iċċita estensivament mix-xhieda mogħtija kemm fl-istadju tal-kumpilazzjoni kif ukoll wara li nbdew il-proċeduri kriminali kontra r-rikorrent. Waħda mix-xhieda ewlenin quddiem din il-Qorti kienet is-Suprintendent tal-Pulizija Graziella Buhagiar Muscat, li qalet li r-rikorrent ingħata d-drittijiet sħaħ li kellu dritt għalihom, u ngħata aċċess għall-provi kollha miġjuba kontra tiegħu. Mill-atti jirriżulta wkoll, li fl-istadju tal-interrogazzjoni mill-Pulizija, għad li ma kienx assistit minn avukat, ir-rikorrent fl-ebda waqt ma ammetta għall-akkużi li kien ġie investigat dwarhom. Quddiem din il-Qorti ġie allegat li r-rikorrent qiegħed isofri minn xi forma ta' preġudizzju minħabba l-laqam tal-familja tiegħu, u li r-rikorrent ma tantx kellu għażliet f'ħajtu minħabba fit-trobbija tiegħu u l-eżempji ħżiena li kien espost għalihom sa minn tfulitu. Il-Qorti tqis li r-rikorrent dan qalu aktarx minħabba l-biżgħa li seta' ġie ppreġudikat għaliex fil-passat kien hemm membri tal-familja tiegħu li

xellfu difrejhom mal-ġustizzja. Iżda mill-provi ma jirriżultax li f'xi waqt qabel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, ir-rikorrent sofra xi preġudizzju jew tqies li ma kienx innoċenti qabel instab ħati.

20. B'riferiment għall-proċeduri kriminali li ttieħdu kontra r-rikorrent, u li huwa jallega li bil-mod kif saru kisru il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, mill-atti jirriżulta li kull darba li r-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, huwa kien jaf għal liema raġuni kien qiegħed jitressaq, kif ukoll min kienu l-persuni li kienu qegħdin jagħmlu l-allegazzjonijiet fil-konfront tiegħu. Mill-atti tal-proċeduri kriminali jirriżulta bl-aktar mod ċar li r-rikorrent kien jaf x'kienu r-reati li huwa kien qiegħed jiġi akkużat bihom, u li huwa ngħata l-opportunità li jagħżel avukat tal-fiduċja tiegħu sabiex jassistieh f'dawk il-proċeduri. Jirriżulta wkoll li fis-sottomissjonijiet finali tiegħu, l-avukat difensur tar-rikorrent iċċita b'mod estensiv mix-xhieda mogħtija mill-allegati vittmi tar-reat, u anki għamel riferiment għall-komportament tagħhom, fosthom il-mod leġġer li bih iddeskrivew ċerti atti, u talab lill-Qorti tikkonsidra dak li qalu dawn ix-xhieda u l-mod kif ġabu ruħhom bih. Dan kollu juri li mhux minnu li r-rikorrent ma kienx jaf x'qegħdin jgħidu x-xhieda jew aħjar l-allegati vittmi tar-reati li huwa tressaq akkużat bihom quddiem qorti ta' ġudikatura kriminali, u għalhekk ir-rikorrent ma sofra l-ebda preġudizzju, mhux kif qiegħed jallega. Il-fatt li qorti ta' ġudikatura kriminali sabet ħtija fir-rikorrent, ċertament li ma jistax jitqies li huwa dovut għall-fatt li r-rikorrent ma tħalliex jiddefendi ruħhu bl-aħjar mod possibbli, kif qiegħed jallega, għaliex jirriżulta mill-atti li huwa kellu numru ta' avukati jiddefenduh, u li saħansitra bidel l-avukati difensuri tiegħu diversi drabi.

21. Fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Charles Steven Muscat *vs.* Avukat Ġenerali**[10], ġie rilevat illi:

*"14. ... Il-jedd għal smigħ xieraq jingħata kemm biex, wara proċess fi żmien raġonevoli u bil-garanziji xierqa, min ma huwiex ħati ma jeħilx bi ħtija, u biex jingħata l-mezzi kollha meħtieġa għalhekk, u kemm biex min huwa tassew ħati ma jaħrabx il-konsegwenzi tal-ħtija tiegħu. ... ....*

*15. Għalhekk, li trid tagħmel din il-qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex ħati jew le tal-akkużi li nġiebu kontrieh u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li għandha tagħmel din il-qorti hu illi tara jekk dan in-nuqqas wassalx għall-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq u hekk inħoloqx perikolu illi l-attur jinstab ħati meta ma kellux jinstab ħati. Jekk ma hemmx dan il-perikolu, mela ma hemmx ksur."*

22. Il-Qorti tagħmel ukoll riferiment għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Emmanuele Spagnol vs l-Avukat Ġenerali et**[11], fejn intqal illi:

*"... ilmenti dwar ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq għandhom jiġu eżaminati fil-kuntest tal-proċeduri relattivi fl-intier tagħhom, u ċioe għandu jittieħed in konsiderazzjoni l-overall fairness of the proceedings. Għalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li minkejja li l-appellant ma ġiex mogħti aċċess għall-provi li kellha l-prosekuzzjoni qabel jew waqt li ġie interrogat, l-appellant ingħata aċċess għal dawn il-provi matul il-kors tal-Istruttorja, u dan waqt li kien mgħejjun minn avukat tal-fiduċja tiegħu. Huwa relevanti li l-appellant kellu l-opportunità skont il-liġi li jagħmel kontroeżami tax-xhieda kollha prodotti mill-prosekuzzjoni, u l-ebda allegazzjoni ma saret li l-appellant ma ngħatax din l-opportunità, jew li ma ngħatax biżżejjed ċans sabiex jipprepara għal tali kontroeżamijiet. Lanqas ma jirriżulta li l-appellant ma kellux biżżejjed żmien biex jipprepara jew jippreżenta d-difiża tiegħu. Għaldaqstant ma jirriżultax li l-fatt li ma kienx hemm disclosure qabel jew waqt l-interrogazzjoni tal-appellant ippreġudika b'xi mod id-drittijiet tad-difiża tiegħu u l-overall fairness of the proceedings."*

23. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali, fl-isfond ta' dak li seħħ fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja fil-konfront tar-rikorrent, din il-Qorti ma ssibx li t-talba tar-rikorrent

[10] 8.10.2012.
[11] 31.05.2023.

dwar ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea li hija ġustifikata, u għalhekk tiċħadha.

24. Jifdal għalhekk li l-Qorti tistħarreġ l-ilment tar-rikorrent dwar l-allegat ksur tal-jedd tar-rikorrent għall-protezzjoni tal-ħajja privata u familjari tiegħu kif protetti bl-artikolu 32(ċ) tal-Kostituzzjoni u bl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.

25. L-artikolu 32(ċ) tal-Kostituzzjoni jgħid illi:

> "32. Billi kull persuna f'Malta hija intitolata għad-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-individwu, jiġifieri, id-dritt, tkun xi tkun ir-razza, post ta' oriġini, fehmiet politiċi, kulur, twemmin, sess, orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru tagħha, iżda suġġett għar-rispett tad-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn u tal-interess pubbliku, għal kull waħda u kollha kemm huma dawn li ġejjin jiġifieri:
>
> ...
>
> (ċ) ir-rispett għall-ħajja privata u familjari tiegħu."

26. L-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea jgħid illi:

> "(1) Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.
>
> (2) Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-għemil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta' ħaddieħor."

27. Ir-rikorrent qiegħed jallega li huwa sofra ksur tad-dritt għall-protezzjoni tal-ħajja privata u familjari tiegħu, mingħajr ma jispeċifika b'mod preċiż f'liema istanza u b'liema mod dan il-jedd tiegħu ġie miksur. Qabel xejn il-Qorti tirrileva li l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni mhuwiex wieħed inforzabbli taħt l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, li huwa l-artikolu li jagħti lil din il-Qorti l-kompetenza li

teżamina u tiddetermina kawżi dwar ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, u li tipprovdi rimedju għal tali ksur, għaliex l-artikolu 46 fil-fatt isemmi biss l-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni. Imma d-dritt fundamentali għall-ħajja privata u familjari, huwa protett ukoll bl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea. Mill-atti esebiti jirriżulta li r-reati li ġie akkużat bihom ir-rikorrent fi proċeduri kriminali, huma reati ta' natura sesswali fuq minorenni, u għalhekk ta' bilfors li kellhom jingħataw ċerti dettalji, u dak li ġie dibattut fil-proċeduri kriminali jaqa' perfettament fl-"indħil" neċessarju u leġittimu f'soċjetà li tħaddan is-saltna tad-dritt sabiex il-Qorti penali tkun tista' tiddeċiedi dwar il-ħtija o meno tar-rikorrenti. Hawnhekk għandu jingħad li kienet għażla tar-rikorrent li jtella' membri tal-familja tiegħu jixhdu, u li tkellmu b'mod apert dwar it-trobbija tagħhom u dwar aspetti oħra tal-ħajja familjari tagħhom. Ċertament li ma kien hemm l-ebda intervent da parti tal-Istat li jġiegħel lir-rikorrent jew lill-persuni li xehdu fil-proċeduri kontra tiegħu, sabiex jagħtu ċertu dettalji ta' natura privata. Iżda kien hemm dettalji oħra li ta' bilfors li kellhom jingħataw sabiex il-Qorti penali setgħet tifhem iċ-ċirkostanzi tal-każ u setgħet tagħti deċiżjoni dwar l-akkużi li kien qiegħed jiffaċċja r-rikorrent. Il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, fis-sentenza fl-ismijiet **Dickson *vs* UK**[12] dwar il-protezzjoni ta' dan id-dritt fundamentali partikolari, qalet illi:

> *"the object of article 8 is essentially that of protecting the individual against arbitrary interference by the public authorities."*

28. Fil-każ odjern ma jirriżulta li kien hemm ebda interferenza arbitrarja da parti tal-Istat bil-mod kif tmexxew il-proċeduri kriminali fil-konfront tar-

[12] 04.12.2007.

rikorrent. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li qalet il-Qorti Ewropea, fis-sentenza b'mertu simili għal dak odjern, fl-ismijiet **Y *vs* Slovakia**[13]:

*"101 .... the Court reiterates that while the essential object of Article 8 is to protect the individual against arbitrary interference by the public authorities, it does not merely compel the State to abstain from such interference; in addition to this negative undertaking there may be positive obligations inherent in effective respect for private and family life. These obligations may involve the adoption of measures designed to secure respect for private life even in the sphere of the relations of individuals between themselves (See X and Y v. The Netherlands, 26 March, 1985, § 23, Series A no. 91).*

*...*

*103. As regards the conflicts between the interests of the defence and those of the witnesses in criminal proceedings, the Court has already held on several occasions that criminal proceedings should be organised in such a way so as not to unjustifiably imperil the life, liberty or security of witnesses, and in particular those of victims called upon to testify, or their interests coming generally within the ambit of Article 8 of the Convention. Thus, the interests of the defence are to be balanced against those of witnesses or victims called upon to testify (see Doorson, cited above § 70). Notably, criminal proceedings concerning sexual offences are often conceived as an ordeal by the victim, in particular when the latter is unwillingly confronted by the defendant. These features are even more prominent in a case involving a minor. Therefore, in such proceedings certain measures may be taken for the purpose of protecting the victim, provided that they can be reconciled with an adequate and effective exercise of the rights of the defence (see S.N. v. Sweden, cited above, § 47, and Aigner v. Austria, no. 28328/03, §35, 10 May, 2012)."*

29. Il-Qorti tqis dan ifisser li skont l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea l-Istati għandhom l-obbligu li jilleġislaw b'tali mod li jinżamm bilanċ bejn l-obbligu tal-ħarsien tal-ħajja privata u familjari min-naħa l-waħda, u l-obbligu tal-ħarsien tal-vittmi min-naħa l-oħra, partikolarment fejn dawn il-vittmi ikunu minorenni. F'dan il-każ ma ġiex speċifikat b'liema mod ir-rikorrent sofra minn ksur tad-dritt fundamentali għall-ħajja privata u familjari tiegħu bil-mod kif tmexxew il-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu, u lanqas ma jirriżulta li kien hemm xi interferenza inordnata jew mhux xierqa da parti tal-Istat jew l-istituzzjonijiet

[13] 28.05.2015.

tiegħu. Huwa in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet li din il-Qorti mhix sejra tilqa' l-ilment tar-rikorrent, għaliex ma jirriżultax il-ksur li qiegħed jiġi allegat minnu.

**Decide**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrent, u tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimati.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mir-rikorrent.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**